Kunsill Lokali Ħad-Dingli

# Rapport Annwali Amministrattiv u ta' Ħidma

**2011 - 2012**

## Introduzzjoni

Is-Sitt Leġislatura (2008 – 2012)

Din is-sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Ħad-Dingli fis-sitt leġislatura kienet bejn Jannar u Marzu 2012. Fl-10 ta' Marzu 2012 saru l-elezzjonijiet lokali fejn il-Kunsill il-ġdid kien ser ikun attiv mill-ewwel ta' April 2012.

Laqgħat tal-Kunsill

Matul dan iż-żmien saru 21 laqgħa tal-Kunsill (numru 38 sa numru 58) u l-attendenza kienet hekk:

| **Kunsillieri** | **Laqgħat** | **Preżenti** | **Skużati** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Ian Borg (Sindku) | 21 | 21 | - |
| Sandro Azzopardi (Viċi Sindku) | 21 | 18 | 3 |
| David Vassallo (Kunsillier) | 21 | 19 | 2 |
| Connie Bonello (Kunsilliera) | 21 | 15 | 6 |
| Jacqueline Azzopardi (Kunsilliera) | 21 | 11 | 10 |

Xogħol ta' Manutenzjoni fil-Lokalità

Ġewwa Ħad-Dingli sar xogħol siewi u estensiv fejn kollox kien maħsub u mwettaq sabiex ir-residenti jkollhom lokalità miżmuma u li tixirqilhom. Inżammet manutenzjoni fuq bażi regolari permess tal-*handyman* tal-Kunsill u l-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu manutenzjoni bil-*cold asphalt* fit-toroq u tiswijiet ta' bankini, tindif tal-kalverts, tindif ta' trabijiet u ħamrija mit-toroq hekk kif ukoll qtugħ ta' ħaxix, żebgħa ta' ħitan, *railings*, xtiebi u xogħlijiet oħra. Saru wkoll ħafna tiswijiet fuq il-bankijiet tal-injam, tisbieħ ta' postijiet pubbliċi billi tpoġġew pjanti u saru xogħlijiet meħtieġa oħra. Wieħed ma jistax ma jsemmix it-tiswijiet fil-propjetà pubblika amministrati mill-Kunsill fosthom l-uffiċċju amministrattiv. Peress li sar ħafna xogħol manwali mill-ħaddiema tal-Kunsill, il-finanzi ġew affettwati pożittivament u għaldaqstant setgħu jsiru proġetti jew inizjattivi oħra.

Toroq

Il-Kunsill daħal fi ftehim ma' kumpanija privata bl-iskema tal-*Public Private Parternership* (PPP) fejn saru 5 toroq, ewlenin fosthom Triq il-Kbira li hija t-triq prinċipali ġewwa Ħad-Dingli. Barra minn hekk saru numru ta' xogħlijiet oħra fosthom *major patching* u strutturi oħra bħal *roundabouts* u *central strips* fejn anki setgħu jitħawlu siġar hekk kif ukoll varjetà ta' pjanti.

Il-Wirja Agrarja

Din il-wirja saret sinonima mar-raħal ta' Ħad-Dingli u meta jasal ix-xahar ta' Mejju, il-pubbliku jkun qiegħed jistenna bi ħġaru. Din l-attività reġgħet itellgħet fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli. Attendew numru kbir ta' nies u ħadu sehem fiha kull Għaqda Dinglija. Kien hemm ukoll numru sabiħ ta' parteċipanti minn barra r-raħal. Kull sena n-numru ta' parteċipanti fil-wirja tal-annimali u tal-inbejjed dejjem qed jiżdied u l-kompetizzjonijiet ikunu akkaniti ferm.

Din il-wirja li tittella' anki bil-għajnuna ta' fondi mill-Gvern Ċentrali, fejn ingħatajna €4,000 bħala għajnuna, li hija maħsuba sabiex tkabbar l-attività kulturali, tkompli ssaħħaħ il-manifattura u l-bejgħ tal-prodotti lokali, jissaħħu wkoll il-ħiliet ta' dawk kollha li jieħdu sehem mal-għaqdiet rispettivi, ikompli jikber l-għarfien u r-rispett lejn l-agrikultura u l-ambjent hekk kif ukoll dan ir-raħal jibqa' mfittex bħala post li joffri sbuħija u serħan lill-Maltin u l-barranin li jiġu jżuruh.

Qasam Soċjali

Tul is-sena 2011 inżammu numru ta' attivitajiet li kienu mmirati għal kull saff tas-socjetà Dinglija. Saru numru ta' ħarġiet għall-anzjani, ħarġiet għan-nisa tad-dar, attivitajiet għat-tfal fejn it-tema prinċipali kienet l-arti, attivitajiet mal-għaqdiet fosthom il-Klabb tal-Krafts, *Scouts*, *Girlguids*, Għaqda Talent Dingli, il-Klabb tal-futbol, Kumitat Festi Esterni, Każin tal-Banda Santa Marija u entitajiet oħra. Kienet ukoll suċċess kbir il-ħarġa annwali għal Għawdex li tkun miftuħa għal kulħadd.

Edukazzjoni

Matul din is-sena nżammu korsijiet akkademiċi mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn anki rċevejna fondi mill-Gvern Ċentrali sabiex isiru dawn il-korsijiet. Barra minn hekk il-Kunsill organizza numru ta' korsijiet oħra relatati ma' krafts, ix-xogħol u saħansitra *cyber crime*. Inżammu diversi laqgħat mal-Kap tal-iskola fejn rajna kif nistgħu naħdmu flimkien fil-qasam edukattiv, ambjentali u dak sportiv kif ukoll komplejna nattrezzaw il-librerija b'aktar kotba.

Sport

Il-Kunsill dejjem ta sehmu u għalhekk daħal f'kollaborazzjoni ma' għaqdiet sabiex jittellgħu attivitajiet sportivi għat-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal. Il-ħsieb huwa li l-Kunsill ikun aktar qrib ta' dan is-saff tas-soċjetà u jħeġġeġ attivitajiet sportivi differenti fil-lokalità. Fil-fatt il-Kunsill ħaseb sabiex jorganizza diversi attivitajiet sportivi flimkien mal-għaqdiet. Il-Kunsill ħass il-ħtieġa li jdaħħal aktar attivitajiet sportivi anki fid-dawl li n-nuqqas ta' taħriġ fiżiku qed ikollu impatt ħażin fuq is-saħħa.

Saħħa

Minbarra l-attivitajiet relatati ma' sport, il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza t-tilqima annwali kontra tal-influwenza. Dan is-servizz jinvolvi perjodu ta' xogħol qawwi. Il-Kunsill huwa mbierek b'ħafna nies ta' qalb kbira li dejjem kienu lesti li joffru s-servizzi tagħhom volontarjament sabiex kollox jimxi sew.

Volontarjat

Il-Kunsill dejjem ħeġġeġ lin-nies tal-lokalità sabiex joffru s-sehem tagħhom, mill-ħin li jistgħu, sabiex il-lokalità tkun dejjem ippreparata sabiex tgħin fil-ħtiġijiet ta' dawk li għandhom bżonn. Il-volontarjat intuża wkoll bħala għodda sabiex iħarreġ u jtejjeb il-ħiliet tal-parteċipanti bħal per eżempju xogħol amministrattiv fl-uffiċċju tal-Kunsill.

Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

Il-Kunsill Lokali ħadem fuq numru ta' proġetti fejn ingħata fondi mill-Unjoni Ewropeja. L-akbar proġett huwa dak tal-Miżuri 313 u 323, proġett li ħa jiswa kważi nofs miljun ewro. Dan il-proġett jikkonsisti f'restawr tas-siti storiċi u manutenzjoni fiz-zoni rurali. Dawn ix-xogħlijiet estensivi ser ikunu jistgħu jitgawdew minn dawk kollha li jimxu l-*Heritage Trail.* Din il-mixja tibda miċ-Ċentru tal-Viżitaturi fejn wieħed ħa jsib ukoll informazzjoni fuq il-flora u l-fawna lokali. F'dan iċ-ċentru, wieħed ser ikun jista' wkoll jistrieħ, jitrejjaq u jgawdi l-ambjent tal-madwar.

Proġett ieħor li qanqal parteċipazzjoni kbira miż-żgħażagħ mhux biss mil-lokalità imma minn Malta kollha, kien il-proġett SPARDA. Saru numru ta' attivitajiet fosthom kunċert mill-grupp magħruf Tribali u minn Ira Losco. Ittellgħet attività fil-qalba tar-raħal fuq id-diversità ta' ikel u kulturi. Dakinhar tqassam ktieb tar-riċetti li niżel tajjeb ħafna mal-udjenza u għadu qed jintalab sal-lum. Tqassam ħafna materjal ieħor relatat mas-suġġett tad-diveristà speċjalment dik kulturali.

Numru ta' żgħażagħ mil-lokalità kellhom l-opportunità jsiefru l-Polonja grazzi għall-*Youth in Action programme.* Dawn iż-żgħażagħ iltaqgħu ma' żgħażagħ oħra u ddiskutew il-kulturi u l-ħajja li qed jgħixu u tħaddtu kif il-futur jista' jkun aħjar. Grazzi għal din l-attività, nibtu ħafna ħbiberiji u relazzjonijiet ġodda.

Skemi mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

Skema oħra importanti li bbenefika minnha l-Kunsill kienet l-iskema tal-*Urban Improvement Fund* (UIF). Grazzi għal din l-iskema saru numru sostanzjali ta' bankini. Il-Kunsill applika wkoll sabiex jinstalla sistema ta' pannelli fotovoltajiċi fuq propjetà tal-Kunsill. Erbatax-il pannella kienu installati u qed jaħdmu sa mill-aħħar ta' Diċembru 2011. Saru applikazzjonijiet oħra sabiex isiru toroq pedonali u jiġu restawrati statwi antiki fil-lokalità.

Konklużjoni

Din is-sena ta' ħidma kienet waħda impenjattiva ħafna imma li tat sodisfazzjon kbir. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, Il-Kunsill mexxa b'għaqal sabiex iwettaq il-ħidma tiegħu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti. Is-snin li ġejjin ser tkompli l-ħidma fuq is-sisien sodi li tqiegħdu din is-sena.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom biex kellna sena oħra ta' suċċess. Bil-ħidma li twetqet, il-Kunsill irnexxielu jżomm kwalità ta' ħajja għolja u saħansitra tejjeb dan mis-snin ta' qabel. Fl-aħħar nett nagħtu grazzi kbira mill-qalb lill-poplu Dingli tal-koperazzjoni mill-aqwa li rnexxielu jżomm mal-Kunsill sabiex ikollna lokalità li nkunu kburin biha bħala waħda mill-aqwa lokalitajiet fil-gżejjer Maltin.

Dr Ian Borg
Sindku

Matthew Borg
Segretarju Eżekuttiv